MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 420/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut C B preżentat fil-15 ta' Diċembru 2011 fejn talab illi l-istess Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ skond l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili minflok it-talba tal-attriċi għal separazzjoni fir-rikors promotur tagħha;

Rat li fil-verbal tal-24 t'April 2015 il-konvenuta rrimettiet ruħha għal din it-talba;

Rat li jeżistu r-rekwiżiti biex it-talba tintlaqa';

Rat li sussegwentement fil-verbal imsemmi l-kawża tħalliet għal sentenza f'dan is-sens;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors imsemmi u ordna li t-talba għal separazzjoni titqies bħala waħda biex il-Qorti tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------